**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 10 ta' Lulju, 2019

Rikors Numru: 110/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti u li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata żżewġu fit-tnax ta' Mejju tas-sena elf' disa' mija u sitta u disgħin (12/05/1996) kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ enurmerat MR 27/1996 hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument A';

2. Illi a tenur tal-Artiklu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-miżżewġin nfirdu minn xulxin l-partijiet permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Joseph Abela, nhar is-sittax ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (16/01/2015) hawn anness u mmarkat bħala Dok B

3. Illi l-partijiet għadhom sal-llum il-ġurnata ma rrikonċiljawx bejniethom u ma hemm ebda tama jew prospett ta' rikonċiljazzjoni fil-futur

4. Illi l-partijiet m'għandhomx wild.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet li seħħ fit-tnax ta' Mejju tas-sena elf, disgħa mija, sitta u disgħin, (12/05/1996) bħala żwieġ maħlul (divorzju) għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; (Art. 66A (1), Kap 16).

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien hekk prefiss minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku. (Art. 66A (4), Kap. 16).

Rat ir-risposta ta' C D li permezz tagħha esponiet :

Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors odjern bi zmien utili ghar-risposta tagħha;

Illi fl-ewwel lok l-esponenti tirrileva illi jeħtieg issir korrezzjoni fl-okkju stante li hija kienet irrevertiet għal kunjom xbubitha permezz ta' klawsola numru tnax (12) fl-istess att ta' seprazzjoni personali, kopja ta' liema jinsab anness flimkien mar-rikors promotur immarkat bhala Dokument "B".

Illi fit-tieni lok l-esponenti, filwaqt illi ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi qieghda tikkonferma l-kontenut rimanenti tar-rikors promotur, konsegwentement tissottometti li ma ssib l-ebda oggezzjoni ghall-ottjeniment tal-ħall taz-zwieg u sabiex dan jigi rreġistrat fl-atti relattivi r-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Jannar, 2015

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.